



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Diċembru 2016
(OR. en)

15517/16

**Fajl Interistituzzjonali:
2013/0013 (COD)**

**CODEC 1881
TRANS 499
PE 120**

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI WARA T-TIENI QARI TAL-PARLAMENT EWROPEW Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 1192/69 tal-Kunsill dwar regoli komuni għan-normalizzazzjoni tal-kontijiet ta' intrapriżi tal-ferrovija - Eżitu tat-tieni qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mit-12 sal-15 ta' Diċembru 2016)

I. VOT

Fl-14 ta' Diċembru 2016, billi ma ġiet adottata l-ebda emenda, il-President tal-Parlament Ewropew iddikjara li l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari ġiet approvata.

It-test tar-risoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew huwa mehmuż ma' din in-nota.

II. ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI WARA T-TIENI QARI TAL-PARLAMENT EWROPEW

Billi l-Parlament Ewropew approva l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, l-att inkwistjoni jitqies li ġie adottat fil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, kif previst fl-Artikolu 294 (7)(a) TFUE.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew, il-President tal-Kunsill u s-Segretarji Ġenerali taż-żewġ Istituzzjonijiet, l-att inkwistjoni ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

P8_TA-PROV(2016)0496

Normalizzazzjoni tal-kontijiet ta' intrapriżi tal-ferrovija *II**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb li jiġi adottat regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 1192/69 tal-Kunsill dwar regoli komuni għan-normalizzazzjoni tal-kontijiet ta' intrapriżi tal-ferrovija (11197/1/2016 – C8-0424/2016 – 2013/0013(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (11197/1/2016 – C8-0424/2016),
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-11 ta' Lulju 2013¹,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Komitat tar-Reġjuni tat-8 ta' Ottubru 2013²,
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari³ dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2013)0026),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 76 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Komitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A8-0368/2016),
1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;
 2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat b'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;
 3. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma l-att mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

¹ ĠU C 327, 12.11.2013, p. 122.

² ĠU C 356, 5.12.2013, p. 92.

³ Testi adottati tas-26.2.2014, P7_TA(2014)0152.

4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi bil-pubblikazzjoni tal-att *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.
-